**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**
**AVVIŻI 19 TA' JANNAR 2020**

**Purċissjoni bil-Bambin tradizzjonali tal-Filippini**
Għada l-Ħadd 19 ta' Jannar 2020 il-komunità English Speaking tal-Parroċċa tagħna qed jorganizzaw purċissjoni bil-Bambin tradizzjonali tal-Filippini li tibda fl-10:15am minn fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali. Fin-12:30pm tintemm il-purċissjoni u tibda quddiesa bl-ingliż fil-Knisja Parrokkjali.

**Tberik tal-Familji**
It-Tlieta 21 ta' Jannar 2020 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq is-Silla.**

**Kummissjoni Kateketika**
Il-Ħamis 23 ta' Jannar 2020 fl-4.00pm tiltaqa' l-Kummissjoni Kateketika fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara 2020**
Bejn is-17 u l-24 ta' Jannar 2020 hija Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara. Il-Ħamis 23 ta' Jannar 2020, l-adorazzjoni ta' wara l-quddiesa tas-6.00pm ser tkun talb għall-Għaqda fost l-Insara.

***Afternoon Tea* fis-Sala Sant'Anna**
Il-Ħadd 26 ta' Jannar 2020 fit-3:00pm fis-Sala Sant'Anna jibda *Afternoon Tea*.

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**
It-Tnejn 27 ta' Jannar 2020 wara l-quddiesa tas-6:00pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Come to me**

Fr Hayden Williams flimkien mal-Appostli u d-Dixxipli Franġiskani ser immexxu laqgħa ta’ talb bl-ingliż fil-Parroċċa tagħna għall-persuni kollha li jitkellmu bil-lingwa ingliża. Din ser issir nhar il-Ħamis 30 ta’ Jannar 2020 fis-7.30pm fis-Sala Sant’Anna. Inħeġġu lil kulħadd sabiex inxerdu l-kelma mal-barranin li jitkellmu bl-ingliż li jgħixu f’Malta.